

**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u T. Bohr, aġenti)

**Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u M. Ecker, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

## Suġġett

Talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet li, mill-1 ta' Jannar 2014, jnaqqsu r-rimbors tal-ispejjeż annwali tal-ivvjaġġar, sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jżommu relazzjoni mal-post tal-oriġini tagħhom.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) YT u YU huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 89, 16.3.2015 (kawża li għiet inizjalment ippreżentata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-8/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2022 – YV et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-533/16) <sup>(1)</sup>

**(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014 – Rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Post ta’ oriġini li jinsab f’pajjiż terz – Ħlas b’rata fissa kkalkulat fuq il-bażi tad-distanza bejn il-post tax-xogħol u l-kapitali tal-Istat Membru li tiegħu l-uffiċjal għandu n-nazzjonaliità”)**

(2022/C 303/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: YV, YW, YZ (rappreżentanti: J.-N. Louis, R. Metz, D. Verbeke, T. Van Lysebeth u N. Maes, avukati)

**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u T. Bohr, aġenti)

**Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u M. Ecker, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

## Suġġett

Talbiet skont l-Artikolu 270 TFUE u intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet li, mill-1 ta' Jannar 2014, jnaqqsu jew ineħħu r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu iżommu relazzjoni mal-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) YV, YW u YZ huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 89, 16.3.2015 (affaire initialement enregistrée devant le Tribunal de la fonction publique de l'Union Européenne sous le numéro F-10/15 et transférée au Tribunal de l'Union Européenne le 1.9.2016)..

### **Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Ġunju 2022 – Schaffrin vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-538/16) (<sup>1</sup>)

*(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014 – Rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Post ta’ oriġini li jinsab f’pajjiż terz – Ħlas b'rata fissa kkalkulat fuq il-bażi tad-distanza bejn il-post tax-xogħol u l-kapitali tal-Istat Membru li tiegħu l-uffiċjal għandu n-nazzjonallità”)*

(2022/C 303/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Dora Schaffrin (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u G. Gattinara, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u S. Seyr, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

#### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet li, mill-1 ta' Jannar 2014, inaqqsu r-imbors tal-ispejjeż annwali tal-ivvjaġġar, sabiex ir-rikorrent ikun jista' jżomm relazzjoni mal-post tal-oriġini tiegħu u, min-naħa l-oħra, sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tirrevedi l-ammont tal-ħlas b'rata fissa ta' dawn l-ispejjeż annwali tal-ivvjaġġar.

#### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dora Schaffrin hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 127, 20.4.2015 (kawża li ġiet inizjalment ippreżentata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-15/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016)..

### **Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Ġunju 2022 – YY u ZA vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża T-545/16) (<sup>1</sup>)

*(“Servizz Pubbliku – Uffiċjali – Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014 – Rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Post ta’ oriġini li jinsab f’pajjiż terz – Ħlas b'rata fissa kkalkolat abbażi tad-distanza bejn il-post ta’ impieg u l-belt kapitali tal-Istat Membru li l-uffiċjal għandu n-nazzjonallità tiegħu”)*

(2022/C 303/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: YY, ZA (rappreżentanti: J.-N. Louis, R. Metz, D. Verbeke, T. Van Lysebeth u N. Maes, avukati)